MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 665/2008

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Dexter Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija u disa’ Euro u erbgha u hamsin centezmu (€809.54) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta’ attrici skond *Client Contract Number* 1018687 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Awissu 2007 u Frar 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Gunju, 2008, dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-Att, dawk tal-ittra uficcjali lil Banek relattivi ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta, ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fit-12 ta' Mejju, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------